# Parroċċa Familja Mqaddsa L-Iklin

*Pjazza Ninu Cremona, L-Iklin IKL 1302 Malta - tel:21423003*

30 t'Ottubru 2014

**Lill-ġenituri ta' tfal li għandhom uliedhom jattendu l-Katekiżmu fil-parroċċa tagħna**

*Inti ġenitur li ilek minn żmien il-Griżma li tlaqt mill-ambjent tal-klassi tal-katekiżmu? Tixtieq terġa' ttiegħem x'effett għandu dan l-ambjent fuqek, filwaqt li timraħ fuq temi attwali li jqanqlu l-ħsieb?*

**Lura lejn il-katekiżmu** jwieġeb dawn il-mistoqsijiet bl-aktar mod kreattiv. Dawn is-sessjonijiet jikkonsistu fi tliet laqgħat konsekuttivi t-Tnejn, 10, il-Ħamis, 13 u t-Tnejn, 17 ta' Novembru.

F'dan il-vjaġġ ser nitilqu mit-tema tal-festa ta' San Martin u minn hemmhekk nifthu ħsibijietna fuq il-ġustizzja soċjali: *x'inhu dan il-kunċett? Kif joħroġ b'mod konkret fil-ħajja tagħna ta' kuljum? Kif ser inrawmu fit-tfal l-importanza tal-ġustizzja?*

Minn hawnhekk nimxu biex fit-tieni sessjoni nsaqsu: *Fejn marru l-valuri? Għad hawn posthom fil-ħajja mgħaġġla u individwalista tal-lum il-ġurnata?*

Finalment, fis-17 ta' Novembru nagħlqu fuq is-suġġett tat-talb fil-ħajja moderna tal-lum. *Aħna kif nitolbu? Hemm bżonn li nibqa' nibbaża t-talb tiegħi fuq dak ta' bl-amment li tgħallimt fi tfuliti? Jista' jkun li nserraħ il-kuxjenza li qed nitlob biżżejjed billi, bejn nagħsa u oħra qabel norqod, ngħid ftit Ave Marijiet? Kif nista' nitlob fil-ġurnata tal-lum? Fiex jidħol Richard Bollinger u l-Papa Franġisku?*

Il-metodoloġija ta' dawn it-tliet sessjonijiet ser inħalliha ftit jew wisq mistura, iżda niggarantixxi li l-gost huwa l-fulkrum ta' dawn il-ġranet. Is-suġġetti ser jiġu żviluppati bl-aktar mod interessanti, kreattiv u modern. Nispera li narawkom ħalli flimkien nerġgħu nirritornaw fuq is-siġġijiet tal-klassi tal-katekiżmu u nġeddu ftit il-memorji, filwaqt li nirriflettu, permezz tal-attivitajiet, fuq *'issues'* attwali.

Kull min hu interessat li jattendi, għandu jimla din il-formola t'hawn taħt u jagħtiha lil Miss Melanie mhux aktar tard mill-Ħamis, 6 ta' Novembru 2014. Ibbukkjaw kmieni għax il-postijiet huma limitati.

Ms. Melanie Camilleri

-----------------------------------------------------------------------------------------------------------

Jiena, ġenitur ta'/li nieħu ħsieb lil ...................................., li qiegħed fil-klassi ta' ................................

se nattendi għal dawn is-sessjonijiet **Lura għall-Katekiżmu ma' Miss Melanie**.

Firma ................................................ Tel/Mob No ...........................................

e-mail: parrocca.iklin@maltadiocese.org www.parroccaiklin.com